



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 15 ta' Ottubru 2010 (18.10)
(OR. en)**

15000/10

BUDGET 73

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Suġġett: Ittra ta' emenda Nru 1 għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011: Pożizzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2010

I. INTRODUZZJONI

Fis-17 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-ittra ta' emenda Nru 1 għall-abbozz ta' baġit (AB) għall-2011.

Din l-ittra ta' emenda tikkonċerna n-nefqa fit-Taqsima II ((il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill), it-Taqsima III (il-Kummissjoni) u t-Taqsima X il-ġdida (is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)) għall-baġit tal-UE u l-modifiki għall-pjan ta' stabbiliment korrispondenti.

Hija relatata mal-ħolqien tat-Taqsima X (SEAE) fl-AB għall-2011 bl-istruttura baġitarja u pjan ta' stabbiliment adatti.

In-nefqa proposta tammonta għal EUR 475,8 miljun fa/i u fa/p (li minnhom EUR 82,2 miljun huma ttrasferiti minn Taqsima II, EUR 359,19 miljun minn Taqsima III, EUR 34,46 miljun nefqa addizzjonali meta mqabbla mal-AB għall-2011).

Il-pjan ta' stabbiliment tat-Taqsima X (SEAE) għandu jinkludi l-postijiet trasferiti minn istituzzjonijiet oħra (411-il post trasferiti minn Taqsima II u 1 114-il post minn Taqsima III), kif ukoll il-ħolqien ta' 118-il post addizzjonali meta mqabbel mal-AB tal-2011 (100 minn dawn il-118-il post addizzjonali kienu diġà ġew aċċettati mill-Kunsill fil-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2010).

II. EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI TAL-KUNSILL

Fit-tmiem tal-eżami tiegħu, il-Kunsill qabel dwar il-pożizzjoni tiegħu dwar din l-ittra ta' emenda abbażi tal-elementi li ġejjin.

L-ittra ta' emenda Nru 1 għall-AB għall-2011 kif ippreżentata mill-Kummissjoni hija modifikata sabiex jittieħed kont tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-AB għall-2011. In-nefqa totali fit-Taqsima X il-ġdida (SEAE) b'hekk ser tammonta għal EUR 469,85 miljun, bl-inklużjoni ta':

- it-tnaqqis f'a/i u f'a/p (-EUR 5,60 miljun) li diġà sar fil-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-AB għall-2011 fit-Taqsima II u t-Taqsima III. Bħala kumpens, isir tnaqqis ugwali tal-ammonti li għandhom jiġu trasferiti mit-Taqsima II (-EUR 2,50 miljun) u t-Taqsima III (-EUR 3,10 miljun) kemm f'a/i kif ukoll f'a/p;
- tnaqqis ieħor f'a/i u f'a/p relatat mal-118-il post addizzjonali (għal ammont totali ta' EUR 0,35 miljun) peress li l-Kunsill ma aċċettax li jinkludi ż-żieda ta' 1,85 % marbuta mal-aġġustament tas-salarji tal-2009, sakemm tingħata d-deċizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Kunsill qabel ukoll dwar id-dikjarazzjoni li ġejja tal-Kunsill fuq in-newtralità tal-baġit:

"Il-Kunsill ifakkar fl-importanza kbira li l-istabbiliment tas-SEAE għandu jkun ggwidat mill-prinċipju ta' kost-effiċjenza bl-għan ta' newtralità baġitarja. Il-kunċett ta' newtralità baġitarja għandu jitqies fil-kuntest ta' riżorsi fil-baġit tal-UE, inkluż meta jiġi deċiż dwar kwalunkwe bini ġdid. Huwa jistenna rapport dwar pjan ta' tfaddil/riallokazzjoni effiċjenti kmieni fl-2011 li jiddeskrivi passi konkreti li għandhom jittieħdu fil-perijodu l-qasir kif ukoll f'dak medju għall-progress lejn in-newtralità baġitarja u għandu jkun soġġett għal rieżami regolari."

III. KONKLUŻJONIJIET

Fil-15 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-ittra ta' emenda Nru 1 għall-abbozz tal-baġit għas-sena finanzjarja 2011 abbażi tal-elementi li jinsabu f'punt II ta' hawn fuq u kif jidher fl-anness tekniku għal dan il-memorandum ta' spjegazzjoni¹.

¹ Dok. 15000/10 ADD 1 BUDGET 73.

**Ittra ta' emenda Nru 1 għall-abbozz tal-baġit tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2011**

POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2007 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1525/2007 tas-17 ta' Diċembru 2007², u b'mod partikolari l-Artikolu 34 tiegħu,

Billi:

- fis-16 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz tal-baġit għas-sena finanzjarja 2011³,
- il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz tal-baġit għas-sena finanzjarja 2011⁴ fit-12 ta' Awwissu 2010,
- fis-17 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-ittra ta' emenda Nru 1 għall-abbozz tal-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2011,

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1, b'Corrigenda fil-ĠU L 25, 30.1.2003, p. 43 u fil-ĠU L 99, 14.4.2007, p. 18.

² ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9.

³ COM(2010) 300.

⁴ ĠU C 222, 17.8.2010, p. 6.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ittra ta' emenda Nru 1 għall-abbozz tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 kienet adottata fil-15 ta' Ottubru 2010.

It-test sħiħ jista' jiġi kkonsultat jew jitniżżel minn fuq il-websajt tal-Kunsill:

<http://www.consilium.europa.eu/>.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-15 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kunsill

Il-President